# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tal-lum il-Gimgha 19 ta' Lulju 2019**

**Rikors Guramentat Numru : 508/2019/LSO**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwstru Kawtelatorju bin-numru 566/2019 fl-ismijiet :**

**BT Prime Limited (numru tal-kumpanija registrata gewwa l-Bermuda EC 49242) kif rapprezentata mill-mandatarju specjali lokali taghha Av Jonathan Thompson [Kl 80886(M)]**

**vs**

**FXDD Malta Limited (C48817)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' FXDD Malta Limited (C48817) intavolat *ai termini* tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datat 24 ta' Mejju 2019 fejn esponiet bir-rispett: -

**INTRODUZZJONI**

1. Illi dan huwa rikors li qieghed isir *ai termini* tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ir-rikors qieghed isir wara, izda separatament, mir-rikors *ai termini* tal-Artikolu 838A li sar ukoll mir-rikorrenti sekwestrata fl-atti ta' dan il-mandat ta' sekwestru, permezz ta' liema rikors ir-rikorrenti sekwestrata talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lis-sekwestranti sabiex tipprovdi garanzija xierqa bhala kawtela ta' penali li ghandhom jittizultaw mill-proceduri odjerni, kif ukoll ta' danni u imghax li jirrizultaw mill-proceduri intavolati mir-rikorrenti sekwestrata.

2. Illi dan ir-rikors qieghed issir illum *stante* illi issa ghadda t-terminu ta' ghoxrin (20) jum sabiex is-sekwestranti tipprezenta kawza, liema kawza ghada ma gietx ipprezentata *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(a).

3. Illi ir-rikorrenti sekwestrata sejra tressaq is-segwenti ragunijiet u konsiderazzjonijiet in sostenn ghat-talba taghha

ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 566/2019, u dan *ai termini* u fil-qafas:

A) **Tal-Artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, *ossia in vista* tal-fatt 'li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh';**

B) **Tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, *ossia in vista* tal-fatt li 'l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* gustifikat'.**

## II. IR-RETROXENA TAL-FATTI MERTU TA' DAN IR-RIKORS

4. Illi nhar it-tletin ta' April tas-sena elfejn u dsatax (30.04.2019), il-kumpanija sekwestranti BT Prime Limited ipprezentat Rikors kontenenti talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestfu Kawtelatorju *de quo* fil-konfont tal-kumpanija esponenti fl-ammont ta' sitt miljuni, tmien mija u tmint elef, erba’ mija disgha u tletin ewro u dstatax-il centezmu (€6,808,439.19), ekwivalenti ghal seba’ miljuni, hames mija u sitta u tmienin, tmien mija u hamsin Dollaru Amerikan ($7,586,850). Din it-talba giet milqugha mill-Onorabbli Qorti dak inhar stess.

5. Illi, b'konsegwenza tal-hrug tal-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju *de quo*, gie sekwestrat l-ammont globali hemm indikat mill-kont bankarju intestat f'isem il-kumpanija

esponenti u mizmum mas-socjetà bankarja Bank of Valletta p.l.c.

6. Illi l-kumpanija sekwestranti hija kumpanija registrata gewwa l-Bermuda. Hi ma ghandha l-ebda prezenza lokali u bhalissa jidher li ghaddejja minn proceduri ta' stralc gewwa l-Istati Uniti. Fil-fatt, certu John Haggerty, "in his capacity of Liquidating Supervisor of the abovementioned BT Prime Limited", kien ta prokura specjali lil Dr Jean C. Farrugia u lil Dr Jonathan Thompson sabiex jirrapprezentaw lill-istess kumpanija fi procedimenti gudizzjarji li setghu talvolta jigu intavolati fil-gurisdizzjoni Maltija. **(ara 'Dok. BTP 1' anness mar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*).**

7. Illi, minn qari tal-istess Prokura Specjali jirrizulta li l-istess Mandatarji gew awtorizzati wkoll "to file sworn applications and sworn replies on behalf of the Company and to confirm under oath the contents therein" quddiem il-Qrati Maltin.

8. Illi fis-sena elfejn u sittax (2016) il-kumpanija sekwestranti, li jidher li kienet ghadha mhux rapprezentata mill-imsemmi John Haggerty, kienet intavolat procedimenti gudizzjarji gewwa l-Istati Uniti, permezz ta' liema kienet indikat lill-kumpanija esponenti bhala wahda minn numru mhux zghir ta' intimati.

9. Illi, permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 33/2017, l-imsemmi John Haggerty "in his capacity of Liquidating Supervisor of the abovementioned BT Prime Limited" kien

interpella lill-esponenti sabiex thallas l-ammont ta' kwazi ghoxrin miljun Dollaru Amerikan, ossia l-ammont ta' dsatax-il miljun, sitt mija u hamsin elf, mija u disa’ Dollari u sitta u disghin centezmu tad-Dollaru Amerikan ($19,650,109.96) ('Dok FXDD 1'). Fl-istess ittra ufficjali kien sar accenn ghal *"proceedings filed before the United States Bankruptcy Court, District of Massachusetts (Eastern Division)*", u dan minghajr ebda spjegazzjoni jew indikazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward, kif ukoll minghajr ebda spjegazzjoni tal-kompozizzjoni tal-ammont hemm indikat in sostenn ghall-allegazzjoni hemm riportata. Il-pretensjoni hemm dedotta giet respinta mill-kumpanija esponenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt permezz ta' ittra ufficjali responsiva bin-numru 224/17, intavolata nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (24.01.2017) ('Dok. FXDD 2).

10. Illi, sussegwentement, il-kumpanija esponenti ma rceviet l-ebda interpellazzjoni ulterjuri, kemm fil-forma skritta jew fil-forma verbali, relattiva ghall-hlas tal-ammont indikat fl-ittra ufficjali tal-kumpanija sekwestranti, jew, sahansitra, ta' xi ammont iehor. Kien biss permezz tal-intavolar tar-Rikors relattiv ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* da parti tal-imsemmi John Haggerty "in his capacity of Liquidating Supervisor of the abovementioned BT Prime Limited" li l-kumpanija sekwestranti ddecidiet li tivvanta pretensjoni fil-konfront taghha quddiem il-Qrati Maltin u *ai termini* tal-ordinament guridiku Malti.

11. <u>Illi sal-lum il-gurnata il-Mandatarji Specjali tal-kumpanija sekwestranti ma prezentaw l-ebda procedimenti</u>

gudizzjarji quddiem il-Qrati Maltin sabiex jigi kanonizzat il-kreditu indikat fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* b'konsegwenza tal-hrug tal-istess.

12. Illi l-ammont indikat fir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* huwa notevolment differenti minn dak indikat fl-ittra ufficjali intavolata minnha fil-bidu tas-sena elfejn u sbatax (2017) ('Dok. FXDD 1').

13. Illi, b'konsegwenza tal-hrug tal-imsemmi Mandat Kawtelatorju fl-ammont globali hemm indikat, il-kumpanija esponenti qieghda ssofri danni ingenti bi pregudizzju serju, u possibilment irrimedjabbli, ghall-operat taghha.

**III. IR-RAGUNIJIET DEDOTTI GHAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU BIN-NUMRU 566/2019**

**A) IL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU BIN-NUMRU 566/2019 M'GHADUX IKTAR FIS-SEHH:- [ARTIKOLU 830(1)(A) TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA]**

i. Il-konnessjoni bejn il-hrug ta' Mandati Kawtelarji, is-smigh tal-mertu u l-eventwali ezekuzzjoni ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat

14. Illi, minn qari tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de qua*, wiehed jifhem li dan gie intavolat mill-kumpanija sekwestranti sabiex tikkawtela

pretensjoni dedotta fi procedimenti istitwiti minnha gewwa l-Istati Uniti.

Il-kumpanija esponenti tirrileva li din it-talba ma kellha qatt tintlaqa` mill-Onorabbli Qorti *stante* li din ir-rikjesta, min-natura taghha stess, hija irritwali u ma ssib l-ebda bazi fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili taghna. Jigi rrilevat ukoll li r-rikorrenti sekwestranti ma pprezentatx kawza quddiem il-Qrati Maltin *entro* t-terminu statutorju ta' ghoxrin jum.

F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, jigi rrilevat li, minn qari attent tad-dispozizzjonijiet relattivi, senjatament dawk kontenuti fit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ('Fuq l-Atti Kawtelatorji'), kif ukoll dawk kontenuti fit-Titolu V tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ('Fuq l-Esekuzzjoni ta' Sentenzi ta' Tribunali ta' Pajjizi barra minn Malta'), wiehed jinduna li l-istess Kodici jippostula li l-ikkawtelar ta' pretensjoni fil-mertu, kif ukoll is-smigh tal-kawza infisha, huma intrinsikament konnessi u, ghaldaqstant, jimxu id f'id.

ii. Il-htiega ta' rabta guridika bejn is-smigh ta' pretensjoni fil-mertu u l-ikkawtelar tal-istess pretensjoni sabiex jigi rispettat il-principu ta' proporzjonalità li ghandha tezisti bejniethom.

Wiehed ma jridx jinsa li huwa indispensabbli li organi gudizzjarji jkollhom il -kompetenza u s-setgha li jiflu u li jgharblu kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni tal-partijiet f'kawza pendenti l-ezitu taghha, u, ghaldaqstant, li jkunu f'pozizzjoni

li jaghtu d-direttivi opportuni u necessarji relattivi ghat-thassir jew ghall-modifika tal-effetti ta' Mandati Kawtelatorji li jkunu nhargu sabiex jissalvagwardjaw il-pretensjoni relattiva fil-mertu. Dan, necessarjament jimplika li, fl-isfond ta' dak permess mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili taghna, il-Qrati Maltin jistghu biss jaghtu direttivi u ordnijiet necessarji ghall-modifika ta' dawn l-effetti jekk, fil-fatt, ikunu f'qaghda li jaghmlu dan, ossia f'qaghda li jiflu u li jgharblu l-mertu relattiv (anke jekk *prima facie*) sabiex tigi assigurata konsistenza u proporzjonalità bejn il-pretensjoni fil-mertu u bejn il-mertu u kawtelatorji intizi bhala garanzija ghall-eventwali ezekuzzjoni tal-istess – haga li hija inkoncepibbli fis-sitwazzjoni odjerna *stante* illi l-proceduri fil-mertu qeghdin jinstemghu f'pajjiz li qieghed fuq in-naha l-ohra tad-dinja. Kif tista' Qorti Maltija, fil-kaz *de quo*, *"... tassigura li ghalkemm l-intimat ezekutant ressaq fi zmien utli l-Att tac-Citazzioni, isegwih b'ghaqal u minghajr tnikkir"?*[1] *([1]Rikors numru 1906/2001/1 Bruno Romano v Blaschem (Malta) Limited, deciza 23/07/2003, per Imhallef Joseph R Micallef.)*

F'dan ir-rigward, wiehed irid necessarjament jistaqsi kif inhu guridkament possibbli li Qorti Maltija tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe talba intavolata bl-iskop li jigu modifikati l-effetti ta' Mandat Kawtelatorju mahrug minnha, u dan abbazi ta' fatti jew ta' cifkostanzi li jaqghu interament fil-mansjoni tal-apprezzament tal-Qorti ta' Massachussetts gewwa l-Istati Uniti li, *del resto*, hija marbuta li tikkunsidra u li tapplika regolamenti procedurali li huma differenti minn dawk applikati fl-ordni legali Maltija, u, possibilment, anke inkompatibbli mal-ordni pubbliku Malti. Bl-istess mod huwa

inkoncepibbli li Qorti ta' iehor taghti direttivi marbutin, jew li huma konnessi, mal-mertu ta' kawza li tkun qed tinstema' minn Qorti Maltija.

Bhala ezempju f'dan ir-rigward, wiehed jista' jaghmel referenza wkoll ghac-cirkostanzi kkontemplati fl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li, minkejja li mhux qed jigi nvokat mill-kumpanija esponenti bhala raguni li ghandha, *stricto sensu*, twassal ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestu *de quo*, hija illustrativa ta' dan ix-xenarju. Fil-fatt, fil-provvediment taghha tat-tlettax ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (13.08.2013) fl-ismijiet **Carmel Debono -vs- Paul Demanuele et,** din l-Onorabbli Qorti ippronunzjat ruhha bil-mod segwenti:

"Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. (ara wkoll — PA JSP. 10 ta' Jannar 1992 **"Spiteri vs Camilleri";** PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. **"Yorkie Clothing Industru Limited vs Calleja Cremona**"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "**Fenech ne vs Spiteri noe et).**"

15. Illi, f'dan il-qafas, wiehed irid jaghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li Rikors ghar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju

ghandu jigi ntavolat fl-atti tal-kawza relattiva, meta din, fil-fatt, tkun digà giet ntavolata qabel l-intavolar tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat Kawtelatorju li jkun ser jigi attakkat:

(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qieghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu ghal xi wahda minn dawn ragunijiet li gejjin:

(a) li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh; [emfazi u sottolinear tal-esponent]

Fil-fatt, fil-provvediment moghti fl-ismijiet Laylay Company Limited -vs- Polidano Holdings Limited u Modern Design Properties Limited,[1] *([1] Rikors Nru. 884/2006 AL, Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1225/06, moghti nhar it-12 ta' Lulju, 2007.)* gie spjegat:

"Illi ghalhekk huwa car daqs il-kristall illi una volta illi l-kawza tkun giet istitwita, kif kienet giet istitwita f'dan il-kaz, u kienet giet appuntata sabiex tinstema mil-lmhallef l-Onorevoli Dottor Gino Camilleri, ir-rikorrenti kellhom jaghmlu r-rikors taghhom lill-Qorti li tkun qieghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu kif presjeduta."

Mis-suespost, huwa facli li wiehed jara li, anke f'kuntest purament intern ghall-ordni legali Malti, il-ligi procedurali Maltija tehtieg konnessjoni bejn is-smigh tal-mertu u bejn is-smigh relattiv ghal kwalunkwe modiflka jew varjazzjoni tal-kawtela relattiva. Huwa ovvju li dan il-hsieb ghandu, *multo magis,* japplika ghas-sitwazzjoni odjerna fejn ma tezisti assolutament l-ebda konnessjoni bejn il-mertu tal-kawza u bejn l-ghodda procedurali intizi sabiex jissalvagwardjaw l-interessi u d-drittijiet tal-kumpanija sekwestrata.

iii. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jipprovdix ghar-rikonoxximent ta' kawzi li jkunu ghadhom pendenti quddiem il-Qrati jew Tribunali ta' pajjiz iehor (u li ma jkunux ghaddew in gudikat)

Il-konsiderazzjonijiet suesposti jridu necessarjament jigu analizzati ukoll fl-isfond tal-fatt li l-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili taghna jipprovdi biss ghar-rikonoxximent u ghall-infurzar ta' decizjonijiet finali ossia ta' sentenzi ta' Qrati jew ta' Tribunali ta' pajjizi ohra li jkunu ghaddew in gudikat, u mhux ta' kawzi jew ta' procedimenti gudizzjarji ohra li jkunu ghadhom pendenti quddiem l-istess Qrati jew Tribunali. Dan huwa ovvju *stante* li l-effetti ta' mizuri li ghandhom natura kawtelatorja jew provizorja, bhal Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*, jistghu talvolta jithassru jew jkunu soggetti ghal varjazzjoni. Ghaldaqstant, certament li dawn ma jistghux jitqiesu bhala definittivi.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, kif ukoll ta' dawk li se jigu dedotti iktar 'l isfel, il-kumpanija esponenti tirrileva li

huwa legalment inkoncepibbli li jintalab il-hrug ta' Mandat Kawtelatorju *ai termini* tar-regoli procedurali tal-ordni legali Maltija sabiex tigi kkawtelata pretensjoni dedotta f'ordni legali ta' Stat barrani.

Ghaldaqstant, il-kumpanija sekwestranti, tramite l-Mandatarji Specjali taghha, kienet tenuta li tintavola kawza quddiem il-Qrati Maltin *entro* t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata stipulat fl-Artikolu 843(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu huwa rez applikabbli ghall-Mandati ta' Sekwestru Kawtelatorju premezz tal-Artikolu 849 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-dawl tal-fatt li dan baqa' ma sarx, il-kumpanija esponenti tissottometti li l-Mandat ta' Sekwstru Kawtelatorju bin-numru 566/2019 m'ghadux iktar fis-sehh u, ghaldaqstant, tilef l-effikacja tieghu.

16. Illi, f'dan il-qafas, issir referenza ghall-principju riportat fil-provvediment moghti minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited u Elaine Sant Galea -vs- Market Handle Limited u Celine Lee Bentley**: *(Rikors Nru. 1067/2011 JRM, fl-atti tar-Rikors Mahluf bin-numru 752/201 IJRM u fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1018/2011 ipprezentat nhar is-27 ta' Lulju, 2011).*

"Illi, kif inghad, l-kumpanija rikorrenti ezekutata ssemmi kawzali wahda li dwarha tistenna li t-talbiet tieghu jigu meqjusa u jigifieri, l-kawzali li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh [art. 836(1)(a)]. Din id-dispozizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiz

imhares b'dak il-Mandat. Jekk min johrog Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni mehtiega fiz-zmien moghti mil-ligi, il-Mandat jaqa' hekk kif jghaddi dak iz-zmien. Din hija, normalment, l-unika wahda mis-sitt ragunijiet mahsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba ghat-thassir tal-Mandat b'semplici kostatazzjoni mill-atti, ghaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawza jew le." *[emfazi u sottolinear tal-esponenti].*

F'dan ir-rigward, il-kumpanija esponenti tirrileva li, ghar-ragunijiet suesposti, huwa ovvju li, kemm il-ligi stess, kif ukoll it-taghlim in materia, jipprezupponu li l-mertu kkawtelat irid jigi vantat gudizzjarjament quddiem il-Qrati Maltin *ai termini* tar-regoli u tal-kuncetti li jifformaw parti mill-ordni legali Maltiija. B'zieda mal-konsiderazzjonijiet suesposti, jigi rrilevat li:

i. Huwa inkoncepibbli li Qorti Maltija tintalab sabiex, *ai termini* tal-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tivverifika u tiddetermina jekk 'kawza' tkunx giet intavolata quddiem Qorti ta' pajjiz iehor *entro* l-perjodu statutorju ta' ghoxrin (20) gurnata stipulati fl-Artikoli 843(1) u 849 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghall-istess ragunijiet huwa inkoncepibbli li ezekutant jallaccja l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ma' kawza li tkun digà giet ipprezentata f'pajjiz u f'sistema legali barranija.

ii. Il-perjodu ta' ghoxrin (20) gurnata ghall-intavolar tal-kawza fil-mertu huwa partikolari ghall-ordni legali Maltija u ghall-Kodici ta' Procedura taghna u din ma ssib l-ebda

riskontru fl-ordni legali tal-Istati Uniti. Bhala ezempju wiehed jista' jaghmel referenza wkoll ghall-kontenut tas-subartikoli (2) (b) u (2) (c) tal-Artikolu 830 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jirribadixxu l-punt li n-nuqqas tal-kreditur ezekutant li jistitwixxi l-azzjoni tieghu fil-mertu *entro* t-termini stipulati fit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jgib mieghu konsegwenzi partikolari ghall-ordni legali taghna.

iii. Id-definizzjoni ta' 'kawza', kif ukoll l-implikazzjonijiet naxxenti mill-istess, jistghu jvarjaw minn pajjiz ghall-iehor u minn ordni legali ghal ohra. Min-naha l-ohra, f'certi kazijiet, bhal dawk rikonoxxuti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 833A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, issir referenza ghall-htiega li jigu ntavolati atti gudizzjarji li huma partikolari ghas-sistema legali taghna *entro* termini ben definiti, u dan sabiex jinzammu fis-sehh l-effetti tal-Mandat Kawtelatorju in kwistjoni. Huwa difficli li wiehed jirrikoncilja l-ispirtu ta' dawn id-dispozizzjonijet ma' kwalunkwe argument imressaq in sostenn ghall-hrug ta' att kawtelatorju minn Qorti f'pajjiiz differenti minn dak fejn ikun qieghed jinstema' l-mertu.

iv. L-applikazzjoni ta' regoli procedurali Maltin fil-qafas ta' pretensjoni dedotta quddiem Qorti jew Tribunal ta' pajjiz iehof, kif ukoll fil-qafas tal-interpretazzjoni ta' dritt sostantiv naxxenti minn ligijiet ta' pajjiz iehor, tista' taghti lok ghal determinazzjonijiet kunfliggenti jew ghal determinazzjonijiet li jmorru kontra l-Ordni Pubbliku Malti. Dan, fih innifsu, ikun jimplika li sentenza moghtija f'pajjiz iehor, u li tkun ghaddiet in gudikat, ma tkunx tista' tigi esgwita mill-Qrati Maltin *stante*

li jkun fiha "xi dispozizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal xi ligi pubblika interna ta' Malta" *ai termini* tal-Artikolu 827(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

v. Tezisti wkoll il-possibilità li l-Qrati jew it-Tribunali ta' pajjiz iehor, li jkunu aditi mill-mertu tal-vertenza in kwistjoni, ma jkunux jissodisfaw il-prerekwiziti meqjusin bhala adegwati sabiex ikunu jistghu validament jigu rikonoxxuti bhala indipendenti u imparzjali *ai termini* tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghaldaqstant, certament li l-Qrati Maltin ikunu prekluzi milli jakkordaw talbiet ghall-hrug ta' Mandati Kawtelatorji sabiex tigi salvagwardjata pretensjoni dedotta quddiem forum jew sede li ma tissodisfax garanziji procedurali ekwivalenti ghal dawk offruti mill-Qrati Maltin.

vi. Il-Qrati taghna jhaddnu l-principju li "[l]-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduci quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti *ex officio*."[4] *([4] Appell Civili Nru. 294/2013 EG, fl-ismijiet Carmel Bugeja -vs- DIS Combined Industries Limited et, deciza nhar id-29 ta' Lulju 2015).*

Huwa difficli li wiehed jipprova jinterpreta u japplika dan il-principju fil-qafas ta' zewg ordnijiet legali li jkunu qed 'jikkompetu' bejniethom.

iv. Il-konnessjoni mehtiega bejn l-ghodod procedurali intizi ghall-ikkawtelar ta' pretensjoni u dawk relattivi ghall-eventwali ezekuzzjoni tal-istess u/jew ghall-konverzjoni ta' Mandat Kawtelatorju ghal wiehed Ezekuttiv

17. Illi, f’dan il-qafas, issir referenza ghall-fatt li l-htiega ta' konnessjoni bejn is-smigh tal-mertu u l-ikkawtelar tal-istess tirrizulta wkoll mill-kontenut tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 831(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll mill-Artikolu 832 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdu l-possibilità li kreditur ezekutant jinkludi l-ispejjez gudizzjarji relattivi flt-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat Kawtelatorju in kwistjoni f'kazijiet li tkun digà giet intavolata kawza qabel l-intavolar ta' dan it-talba.

Naturalment, id-drittijiet stipulati f'dawn id-dispozizzjonijet jistghu jigu attwati biss ghar-rigward ta' procedimenti gudizzjarji intavolati quddiem Qrati Maltin. Dan, *stante* li n-natura, kif ukoll il-komputazzjoni ta' spejjez gudizzjarji, ivarjaw minn sistema legali ghal ohra.

18. Illi issir referenza wkoll ghall-kontenut tal-Artikolu 838B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:

(1) Sakemm ma jigix imhassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-mandat, **kull mandat kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh sa hmistax-il gurnata wara li l-kawza tghaddi f’gudikat**.

(2) Minkejja d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1), mandati kawtelatorji mahrugin skont l-artikolu 830(1) isiru ezekuttivi wara li **kawza tghaddi f'gudikat** jew meta, skont l-artikolu 166B, dik l-ittra ufficjali ssir **titolu ezekuttiv** b'dan illi:

(a) fil-kaz ta' mandat mahrug skont l-artikolu 830(1)(b), (c), (d) u (f), il-kreditur ghandu jipprezenta **nota fi zimien hmistax-il gurnata minn meta l-kawza tkun ghaddiet f'gudikat fl-atti tal-istess mandat** u jitlob li jestendi jew inaqqas l-effetti tal-mandat ghas-somma ekwivalenti ghall-i**spejjez legali, l-imghaxijiet** u d-differenza fis-*sorte* skont is-sentenza, liema nota ghandha tigi notifikata lid-debitur, u dawk kollha li ghandhom interess;

(b) fil-kaz ta' mandat mahrug skont l-artikolu 830(1)(a) u (e), il-kreditur ghandu jipprezenta rikors skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 388E fi zmien **hmistax-il gurnata minn meta l-kawza tkun ghaddiet f'gudikat.** *[enfazi u sottolinear tal-esponenti]*

Minn qari ta' dan l-Artikolu, jirrizultaw numru ta' konsiderazzjonijiet legali in sostenn ghall-fehma tal-kumpanija esponenti:

i. L-ghodda procedurali rezi disponibbli lil ezekutant in virtu` ta' dan l-Artikolu jipprezupponu ezekuzzjoni b'konsegwenza tal-ghoti ta' sentenza tal-Qrati tal-Appell ta' Malta, jew ta' sentenza tal-Qrati Maltin tal-ewwel istanza li ma tkunx giet appellata *entro* t-terminu statutorju. Dan,

*stante* li huwa legalment inkoncepibbli li Qorti Maltija, b'xi mod, tintalab sabiex tivverifika l-prezupposti relattivi ghall-intavolar ta' Nota pprezentata fl-Atti ta' Mandat mahrug minnha fi zmien hmistax-il jum minn meta sentenza ta' Qorti ta' pajjiz iehor tkun ghaddiet in gudikat.

Minbarra l-fatt li l-ezekuzzjoni ta' sentenza ta' Qorti jew Tribunal ta' pajjiz iehor (li m'huwiex fl-Unjoni Ewropea) m'hijiex wahda awtomatika u, ghaldaqstant, hija dipendenti fuq is-smigh ta' proceduri *exequatur ai termini* tal-Artikolu 826 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa possibbli li tali sentenza ma tigix rikonoxxuta mill-Qrati Maltin *ai termini* tal-Artikolu 827 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijjiet ta' Malta.

Dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li huwa, fi kwalunkwe kaz, impossibbli li kreditur ezekutant jottempra ruhu mat-termini stipulati fl-Artikolu 838B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, huwa impossibbli ghall-Qrati Maltin li jordnaw il-konverzjoni ta' Mandat Kawtelatorju ghal wiehed ezekuttiv b'konsegwenza tal-ghoti ta' sentenza fil-mertu minn Qrati jew Tribunali ta' pajjiz iehor.

ii. Fit-tieni lok, jigi rrilevat li huwa car li l-ispejjez gudizzjarji rikonoxxuti mill-ordni legali Maltija ghandhom natura u karattru differenti minn dawk naxxenti minn ordnijiet legali ta' pajjizi ohra. Ghaldaqstant, huwa legalment inkoncepibbli li l-Qrati Maltin jigu aditi sabiex jirrikonoxxu kuncett li huwa aljen ghall-ordni legali taghna.

L-istess jinghad ghar-rigward tal-hlas ta' <u>imghax</u> li jista' talvolta jigi ordnat minn sentenza ta' Qorti jew ta' Tribunal ta' pajjiz iehor. Wiehed ma jridx jinsa li, bhala regola, ir-rata percentwali ta' imghax permessibbli taht il-ligjiet ta' Malta hija dik ta' tmienja fil-mija (8%) stipulata fl-Artikolu 1139 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-Artikolu 1852(1) tal-istess Kap. 16 jipprojbixxi hlas ta' imghax ikkalkolat b'rata ghola. Ghaldaqstant, huwa difficli li wiehed jikkontempla sitwazzjoni fejn il-Qrati Maltin jistghu talvolta jintalbu sabiex jirrikonoxxu obbligu ta' hlas li jizboq ir-rata ta' imghax permessa mil-Ligi Maltija u/jew li jordnaw l-ezekuzzjoni ta' sentenza li jista' jkun "fiha xi dispozizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta' *ai termini* tal-Artikolu 827(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan qed jinghad sabiex jigi spjegat il-punt li, minn qari attent tad-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jirrizulta li tinhtieg rabta guridika, kif ukoll konnessjoni reali u effettiva, bejn il-hrug ta' Mandati Kawtelatorji, is-smigh u d-determinazzjon tal-mertu nnifsu, u l-eventwali ezekuzzjoni tal-pretensjoni kkawtelata.

<u>**Ghalaqstant, *in vista* tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-kumpanija esponenti umilment tirrileva li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Nru. 566/2()19 m'ghadux iktar fis-sehh u tilef l-effikacja tieghu *ai termini* ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'konsegwenza tal-fatt li r-rikorrenti sekwestranti ma ntavolat l-ebda procedimenti**</u>

**kudizzjarji fil-mertu quddiem il-Qrati Maltin *entro* t-terminu statutorju ta' ghoxrin (20) gurnata mill-hrug tal-istess Mandat Kawtelatorju.**

**B) L-AMMONT INDIKAT FIL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU BIN-NUMRU 566/2019 M'HUWIEX *PRIMA FACIE* GUSTIFIKAT U/JEW HUWA ECCESSIV:– [ARTIKOLU TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA]**

19. Illi, minghajr pregudizzju ghall-konsiderazzjonijiet suesposti, u filwaqt li zzomm ferm il-konstatazzjonijiet relattivi ghall-fehma taghha li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, fil-verita`, m'ghadux fis-sehh u tilef l-effikacja tieghu *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kumpanija esponenti sejra tghaddi sabiex tressaq is-segwenti osservazzjonijiet *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan, in sostenn ghat-tezi taghha li l-ammont indikat fir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* m'huwiex *prima facie* gustifikat u/jew huwa eccessiv.

F'dan ir-rigward, issir referenza ghat-taghlim gurisprudenzjali *in materia*. Fid-Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet John Cortis -vs- Mark Anthony Portelli, *(Rikors 838/2017 JZM, moghti nhar it-30 ta' Ottubru 2017)* fejn issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismjiet Paul Hili et -vs- Dr Joselle Farrugia noe et, (*Moghtija nhar it-23 ta' Gunju, 1994)* gie ribadit il-principju:

"Li qorti ghandha taghmel huwa li taccerta ruhha li r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat jkunu jidhru mill-att innifsu, u kif ukoll taccerta ruhha illi l-att ma jkunx hareg abbuzivament." *[enfazi u sottolinear tal-esponenti]*

Fil-fatt, il-gurispudenza taghna ma thalli l-ebda dubju ghar-rigward tal-bazi *prima facie* li tehtieg li tigi pprovata u sostnuta minn atturi sekwestranti sabiex jottjenu l-hrug ta' Mandati Kawtelatorji. Dan, kemm ghar-rigward tal-informazzjoni li ghandha tigi indikata fir-Rikors ghall-hrug tal-istess Mandati, kif ukoll ghar-rigward tar-rabta bejn l-ispjegazzjoni tal-kawzali relattiva u l-ammont hemm indikat bhala kreditu.

Fil-provvediment surreferit, ossia dak fl-ismijiet **John Cortis -vs- Mark Anthony Portelli**, *(Rikors 838/2017 JZM, moghti nhar it-30 ta' Ottubru, 2017)* insibu riassunt tal-principji regolatorji relattivi ghall-kontestazzjoni tal-validità ta' Mandati ta' Sekwesti Kawtelatorji a tenur tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

"Skont din id-dispozizzjoni, ikun hemm lok ghat-thassir ta' l-Mandat fil-kaz li jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv.

Riferibilment ghal din id-dispozizzjoni, fil-kaz **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** inghad fil-5 ta' Settembru 2008 illi l-portata tad-dispozizzjoni hija fis-sens illi l-ezami li jkun irid isir huwa jekk l-ezekutant ghandux bazi *prima facie* li ssostni l-pretensjoni tieghu *("fumus juris")*.

Fil-provvediment li nghata fl-4 ta' Frar 2016 fir-Rik Nru 1139/2015 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet : **Steven Pace et vs. Paul Camilleri et** inghad hekk :-

"Illi l-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jiddisponi li tali mandat kawtelatorju bhal dak in dizamina fil-procedura odjerna jista' jigi revokat kemm-il darba l-ammont mitlub mis-sekwestranti li jkun hekk sekwestrat ma jkunx *prima facie* gustifikat jew eccessiv;

6.2. Illi f'dan ir-rigward l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Galea v. Stewart** datata d-29 ta' Lulju 2005, issostni s-segwenti;

"Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus jufis" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont mahluf minnu fil-Mandat. [enfazi u sottolinear tal-esponenti.]

20. Illi, f'dan ir-rigward, issir referenza ghall-fatt li, minn harsa lejn it-tlettax (13)-il talba riportata fid-dokumentazzjoni annessa mir-rikorrenti sekwestranti flimkien mar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwetsru Kawtelatorju *de quo* (li jidher li huwa xi forma ta' att promotur), jirrizulta li l-

kumpanija sekwestranti talbet lill-Qorti tal-Istati Uniti ['United States Bankruptcy Court District of Massachussetts (Eastern Division)] sabiex tikkundanna lill-kumpanija sekwestata FXDD Malta Limited sabiex thallas ammont li ghandu jigi llikwidat minnha:

"WHEREFORE, Debtor BT Prime Ltd. Prays that the Court enter judgment as follows:

13. On Count XIII, for the Debtor, avoiding the payments to FXDD and FXDD US as preferential transfers made within ninety (90) days of the Petition Date pursuant to 11 U.S.C. S 548, 550 and 551, and directing FXDD and FXDD US to pay a total amount to be determined at trial, plus interest from the date of this Complaint;"

F'dan ir-rigward, senjatament fid-dawl tal-informazzjoni u tad-dokumetazzjoni pprovduta in sostenn ghat-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, jigi rrilevat li:

i. Huwa legalment inkoncepibbli li Qorti Maltija titqieghed f'qaghda li tivverifika, anke fuq bazi *prima facie*, l-ezistenza ta' xi forma ta' dritt naxxenti minn dispozizzjonijiet tal-ligi ta' ordni legali ohra. Wiehed irid izomm f'mohhu wkoll li hawn m'ghandniex sitwazzjoni fejn qieghda tintalab l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dritt sostantiv esteru, bhal ma jista' jsir f'kazijiet fejn il-Qrati li jkollhom gurisdizzjoni li jisimghu l-vertenza fil-mertu jkunu obbligati li japplikaw ligi sostantiva estera *ai termini* tal-principji tad-Dritt Internazzjonali Privat *(Private International Law)*.

Dan, minbarra l-fatt li, fi kwalunkwe kaz, ma giet ipprovduta l-ebda informazzjoni jew spjegazzjoni tal-portata tal-Artikoli tal-ligi indikati fl-imsemmija Talba, kif ukoll l-ebda informazzjoni relattiva ghall-kuncetti legali li jsiru referenza ghalihom fid-dokumentazzjoni annessa.

ii. A kuntrarju, *ai termini* tat-taghlim gurisprudenzjali surreferit, Qorti Maltija hija obbligata li tivverifika jekk "ir-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu", u dan abbazi tal-informazzjoni u/jew tad-dokumentazzjoni annessa mal-istess att. Ghaldaqstant, minbarra li huwa difficli li wiehed jifhem il-bazi legali ghall-pretensjoni in kwistjoni, liema pretensjoni tista` ma ssib l-ebda riskontru fl-ordinament guridiku Malti, huwa difficli wkoll li wiehed jifhem kif jista` jinghad li r-rikorrenti sekwestranti irnexxielha tipprova, anke fuq bazi *prima facie*, li ghandha *fumus juris* sabiex tigi dedotta l-pretensjoni relattiva. Dan *stante* li huma kuncetti li jemanu mil-ligijiet Maltin u mill-ordinament guridiku Malti li, necessarjament, ghandhom jigu applikati sabiex tigi vverifikata l-*fumus juris* tal-azzjoni tar-rikorrenti sekwstranti.

iii. Fi kwalunkwe kaz, minghajr ma tintrometti ruhha permezz ta' determinazzjoni tal-mertu tal-vertenza in kwistjoni, jezisti obbligu da parti ta' Qorti Maltija (li tkun talvolta rinfaccjata b'talba ghall-hrug ta' Mandat Kawtelatorju) li tezamina, fuq bazi *prima facie*, *ai termini* tal-kuncetti legali tal-ordinament guridiku Malti, jekk tkunx tezisti relazzjoni guridika bejn ir-rikorrent sekwestrant u l-intimat

sekwestrat li, fil-fatt, tkun tista` twassal ghall-kundanna tal-istess intimat sekwstrat fi procedimenti relattivi ghall-mertu tal-vertenza.

Wiehed kien, tal-inqas, jistenna lir-rikorrenti sekwestanti tipprovdi spjegazzjoni tal-bazi legali u tar-relazzjoni guridika li tippretendi li ghandha mal-intimata sekwestrata sabiex tillegittima t-talba taghha, ossia li tipprovdi spjegazzjoni dwar jekk tali relazzjoni hijiex wahda kuntrattwali, *quasi*-kuntrattwali jew delittwali.

21. Illi, f'dan il-qafas, issir referenza wkoll ghall-fatt li, minkejja li fir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* gie ndikat l-ammont globali ta' sitt miljuni, tmien mija u tmint elef, erba' mija disgha u tletin ewro u dsatax-il centezmu (€6,808,439.19) dan l-ammont m'huwiex indikat fid-dokumentazzjoni (deskritta qabel bhala 'att promotur') annessa mal-istess Rikors.

Fil-verita`, minn harsa lejn id-disa` (9) u l-ghaxar (10) pagna ta' din id-dokumentazzjoni, jerrizultaw ammonti li huma differenti minn dawk indikati fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni. Dan, fih innifsu, ifisser ukoll li, fl-kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti sekwestranti ma forniet l-ebda prova *prima facie* in sostenn ghat-talba taghha ghall-hrug tal-istess Mandat Kawtelatorju fl-ammont globali hemm indikat.

Dan irid jitqies ukoll fid-dawl tal-fatt li, kif spjegat iktar 'il fuq ghar-rigward tar-'Retroxena tal-Fatti Mertu ta' dan ir-Rikors',

il-kumpanija esponenti, originarjament, kienet giet interpellata sabiex teffetwa l-hlas ta' dsatax-il miljun, sitt mija u hamsin elf, mija u disa' Dollari u sitta u disghin centezmu tad-Dollaru Amerikan ($19,650,109.96), u dan permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 33/2017 ('Dok. FXDD 1'), u mhux l-ammont globali indikat fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo.* Kif diga` nghad, il-kumpanija esponenti ma kienet irceviet l-ebda interpellazzjoni ohra qabel il-hrug tal-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju.

22. Illi, *in vista* tal-konsiderazzjonijiet suespost, l-kumpanija esponenti hija tabilhaqq tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti sekwestranti, fl-ammont indikat fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*, saret b'mod azzardat minghajr ma pproduciet prova konkerata, almenu fuq bazi *prima facie*, u minghajr xi forma ta' prova relattiva ghal-likwidazzjoni tal-istess ammont.

Ghalaqstant, *in vista* tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-kumpanija esponenti umilment tirrileva li l-ammont ikkawtelat permezz tal-Mandat ta' Sekwstru Kawtelatorju Nru. 566/2019 m'huwiex wiehed li huwa *prima facie* gustifikat, u, ghaldaqstant, dan il-Mandat ghandu jigi revokat *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

## ***IV. L-IMPOZIZZJONI TA' PENALI FIL-KONFRONT TAR-RIKORRENTI SEKWESTRANTI Al TERMINI TAS-SUBARTIKOLI (A), (B) U (D) TAL-ARTIKOLU 836(8) TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA***

23. Illi l-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centzimu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:

(a) jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi;

[…]

(b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustiflka li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed.

Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;

[…]

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja

F'dan ir-rigward il-kumpanija esponenti tirrileva li:

i. Din l-Onorabbli Qorti ghandha timponi l-ammont massimu ta' penali stipulat fl-Artikolu 838(8)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti sekwestranti *stante* li jirriżulta bic-car li hi ma intavolatx kawża quddiem il-Qrati Maltin *entro* t-terminu statutorju ta' ghoxrin (20) jum mill-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni.

ii. Din l-Onorabbli Qorti ghandha timponi l-ammont massimu ta' penali stipulat fl-Artikolu 838(8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti sekwestranti *stante* li, fi żmien hmistax (15)-il jum qabel ma gie intavolat ir-rikors ghall-hrug tal-Mandat Kawtelatorju in kwistjoni, ir-rikorrenti sekwestranti, bl-ebda mod, ma nterpellat lill-kumpanija esponenti sabiex thallas xi dejn jew sabiex tipprovdi sigurta` biżżejjed.

iii. Din l-Onorabbli Qorti ghandha timponi l-ammont massimu ta' penali stipulat fl-Artikolu 838(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti sekwestranti *stante* li, fil-qafas tal-konsiderazzjonijiet dedotti f'dan ir-Rikors, jeżistu l-estremi sabiex jigi konkluż li t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 566/2019 saret b'malizzja u b'mod frivolu u vessatorju.

V. **TALBIET**

Ghaldaqstant, *in vista* tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-kumpanija esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwaunkwe provvediment meqjus opportun f'dan ir-rigward:

1. Tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 566/2019 a tenur tas-subartikoli (1)(a) u/jew (1)(d) tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lir-rikorrenti sekwestranti sabiex thallas lill-kumpanija esponenti ammont rappreżentanti l-penali kkontemplat fl-Artikolu 838(8) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta, u dan a tenur tal-paragrari (a), (b) u (d) tal-istess subartikolu;

3. Tiddikjara li l-kumpanija sekwestranti hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-kumpanija esponenti b'konsegwenza tal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 566/2019, b'rizerva ghal kwalunwe azzjoni ta' danni ulterjuri spettanti lill-kumpanija esponenti.

Bl-ispejjez kollha tal-procedimenti odjerni a karigu tal-kumpanija sekwestranti u b'rizerva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-kumpanija esponenti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Gunju 2019 fil-11:30 am.

Rat in-nota responsiva ta' BT Prime Limited *ai termini* tal-artikolu 836 (3) ta'Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 20 ta' Gunju 2019 a fol 32 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 27 ta' Gunju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dehret Dr Nicola Mallia ghas-socjeta` ezekutata FXDD Malta Limited, kif ukoll Emil Assentato, li huwa l-*'ultimate beneficial owner'* tal-istess socjeta`. Deher ukoll Dr Jonathan Thompson ghas-socjeta` ezekutanti, kif ukoll ir-rapprezentanti legali ohrajn tal-istess partijiet. Xehdet bil-gurament taghha Dr Nicola Mallia, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Adrian Mallia, li prezenta Dok 'AM1' u Dok 'AM2', kopja tal-att Nru IV tat-2002, u kopja tal-istess inghatat lid-difensur tal-kontro-parti. Dr Thompson oppona ghall-esebizzjoni ta' Dok 'AM2' billi fl-ewwel lok l-istadju tal-provi nghalqu u l-esebizzjoni ta' provi fi stadju ta' sottomissjonijiet mhix ammissibbli, u dan partikolarment *stante* illi l-att li qieghed jigi esebit illum il-gurnata m'ghadux jifforma parti mill-korp tal-Ligijiet ta' Malta peress li gie ssuperat b'ligijiet ohrajn. Ghaldaqstant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghghobha filwaqt li tordna l-isfilz ta' dan id-dokument, thassar mill-atti ta' dawn il-proceduri kwalsiasi referenza ghall-istess.

INGHATA DIGRIET:

Il-Qorti qieset li r-referenza ghall-Att jew legislazzjoni hija pertinenti ghall-argument li qed jigi promoss f'dan ir-rikors rigward l-interpretazzjoni tal-Art 836 u inoltre ghalkemm kopja tal-att giet esebita 'stricto iuris' m'ghandhiex titqies bhala prova ta' fatt illi din il-Qorti ghandha s-sahha li tiehu hi stess konjizzjoni gudizzjarja tal-ligijiet ta' Malta, anke dawk li jinsabu abrogati jew illum sorpassati b'ligijiet ohra. Ghaldaqstant cahdet it-talba. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Jonathan Thompson. It-trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan hu rikors ghar-revoka ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 566/2019 li nhareg mis-socjeta BT Prime Limited biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha kontra s-socjeta` ezekutata.

Ikkonsidrat li s-socjeta` rikorrenti qed titlob it-thassir tal-Mandat ta’ sekwestru premess billi ssottomettew li ghadda t-terminu ta’ ghoxrin jum sabiex is-socjeta' sekwestranti tipprezenta kawza f’Malta, liema kaz ghad ma giex ipprezentat fil-Qorti f’Malta, izda minflok is-socjeta` BT Prime Limited ipprezentat kaz fil-Qorti tal-Istati Uniti fl-Amerka. Illi gie sostnut ukoll f’dan ir-rikors, li l-ammont mitlub permezz tal-mandat ta’ sekwestru *de quo* mhuwiex *prima facie* gustifikat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-artikolu **836 (1) (a) u (d) tal-Kap 12** li jipprovdi:

*"836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*a) li l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh*
*-omissis-*
*d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv".*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP) – 7 ta' Frar 2001 (Visa **Investments Limited vs Blye Engineering Co. Limited**).

Ghalhekk dak li l-Qorti tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. Ara Kumm. GMA 23 ta'

Gunju 1994: **Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et.**

Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jigi definit minn Qorti (**Vincent Mercieca vs George Galea**, P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 (**Technobroadcast S.R.L. vs Mediterranean Broadcast Limited**, P.A. (RCP – 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikoli citati mis-socjeta` rikorrenti fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiema.

**L-Art. 836(1)(a)**

Dan is-subartikolu jitratta kazijiet fejn l-att kawtelatorju, li tieghu tkun qed tintalab ir-revoka, m'ghadux aktar fis-sehh.

Illi s-socjeta` rikorrenti tikkontendi li l-Mandat ta' sekwestru in kwistjoni hu marbut mal-kaz ipprezentat fl-Istati Uniti, li ghalih saret referenza f'Dok FXDD1. Ghalhekk tissottometti li s-socjeta' intimata ma pprezentatx kaz quddiem il-Qrati Maltin u li dan ma jsibx bazi fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Taghna. Difatti, s-socjeta` ezekutata tirreferi ghall-provvediementi tal-ligi, fosthom l-artikolu **836(1) tal-Kap 12**, li jipprovdi: "*…….jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza……*.."

Fl-istess premessi tar-rikors odjern, issir referenza wkoll, ghall-**artikolu 830 (2) (b) u (2) (c) tal-Kap 12,** li jirribadixxu l-punt li n-nuqqas ta' kreditur ezekutant li jistitwixxi azzjoni. *Di piu`*, ssir referenza wkoll ghall-artikolu **833A tal-Kap 12**, fejn hi enfasizzata l-htiega li jigu intavolati atti gudizzjarji li huma partikolari ghas-sistema legali taghna *entro* t-termini ben definiti sabiex jinzamm fis-sehh il-mandat. Relevanti wkoll, dak citat rigward l-**artikolu 827(1) (c) tal-Kap 12**, dwar l-esekuzzjoni ta' kawzi fi Qrati esteri, fejn ma hemmx *exequatur* ghajr ghal dawk il-kazi li ghalihom japplika Brussels I.

Inoltre` fit-trattazzjoni gie sottomess li minn studju tal-artikoli tal-ligi fil-Kap 12, hemm evidentement, il-konnessjoni bejn il-pretensjoni tal-mandat intavolat u s-smigh tal-kaz fil-mertu. Difatti, is-socjeta` rikorrenti esebiet Dok AM1, li minn tfittxija elettronika fid-disposizzjonijiet tal-Kap 12, il-ligi dejjem issemmi "*case in Malta*". L-eccezzjoni ghal din ir-regola, kif spjegata mill-avukat difensur tas-socjeta` rikorrenti, hi li bejn l-Istati membri tal-Unjoni Ewropea, abbazi tat-Trattat Brussels , Brussels I[2] kif emendat (*Brussels I Recast).*[3]

L-artikolu 1 ta' din il-Konvenzjoni jistipula li:

*"This convention shall apply in civil and commercial matters whatever the nature of the court or tribunal."*

---

2 Council Regulation (EC) No 44/2001 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters,

3 REGULATION (EU) No 1215/2012 OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL of 12 December 2012 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters (recast); OJEU 20.12.2012 L 351/1

L-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni ighid:

"*A consumer may bring proceedings against the other party to a contract either in the courts of the contracting state in which that party is domiciled or in the courts of the contracting state in which he is himself domiciled."*

In sostenn ghall-argument tieghu, l-avukat difensur tas-socjeta` rikorrenti rrefera wkoll ghall-"*The legal procedures (Ratification of Conventions) Act 2002".* Dan l-Att kien ta effett lid-disposizzjonijiet tal-Lugano Convention fil-qafas legali taghna. L-artikolu 34 tal-Att infatti jipprovdi ghall-hrug ta' atti kawtelatorji marbutin ma' proceduri li jigu istitwiti barra minn Malta f'dawk il-pajjizi rikonoxxuti mill-Ministru responsabbli.

Dan l-Att kien japplika fiz-zmien qabel Malta dahlet bhala Stat Membru fl-Unjoni Ewropea. Ghalkemm dan l-Att m'ghadux *in vigore* u jinsab abrogat din il-Qorti tikkonsidra li dan l-Att kien *lex specialis* ghal dak jirrigwarda d-disposizzjonijiet tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikompli jissahhah l-argument tar-rikorrent ezekutat li d-disposizzjonijiet tal-ligi ordinarja jikkontemplaw kawzi istitwiti f'Malta, altrimenti ma kienx ikun hemm il-htiega tal-ligi imsemmija. Dan l-Att gie sorvolat meta Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea.

Da parti taghha, s-socjeta' intimata opponiet billi sostniet li hi pprocediet b'kaz Numru 5-10745-FJB fil-United States Bankruptcy Court District of Massachusetts (Eastern Division) p5 par 19-25, fejn il-BTI group, il-grupp ta'

kumpaniji li tieghu tifforma parti s-socjeta` sekwestranti, ipprocediet kontra Foxeware LLC u l-affiljati taghha, fejn (FXDD Malta Limited hi wahda minn dawn l-affiljati), in segwitu ghall-*purchase agreement* li kien hemm bejn il-partijiet. Illi gie sottomess kemm fir-risposta u fit-trattazzjoni, li l-forum kompetenti biex jinstema' l-kaz fil-mertu, jinsab fl-Istati Uniti, liema kaz jista' eventwalment jigi esegwit f'Malta skont il-procedura appozita, u proprju ghalhekk, li dan il-kaz gie segwit bil-mandat ta' sekwestru *de quo*.

Gie sostnut fir-risposta li mhuwiex minnu li l-Mandat ta' sekwestru in kwistjoni m'ghadux fis-sehh. Ir-ragunijet moghtija ghal dan huma s-segwenti:

- Ghalkemm irid ikun hemm konnessjoni u rabta guridika bejn mandat kawtelatorju u s-smigh tal-kaz, din ir-rabta u konnessjoni hi limitata.

- Id-dritt ta' kawtela li jigi ezercitat permezz ta' Mandat hu separat u distint mid-dritt sostanjali f'kaz fil-mertu.

- Il-fatt li hemm kaz fil-mertu li qed isir fl-esteru, bl-ebda mod ma jippregudika l-principju ta' proporzjonalita`.

- Il-Kap 12 ma jaghmilx distinzjoni bejn kawzi pendenti quddiem il-Qrati f'Malta, u kawzi pendenti fil-Qrati barranin.

- Il-kwistjoni tal-ispejjez skont l-artikolu 831(1)(b) u l-artikolu 832 tal-Kap 12 mhijiex relevanti ghas-sottomissjoni relattiva *stante* li l-ispejjez jistghu ma jigux inkluzi.

- It-talba maghmula mis-socjeta` sekwestranti permezz tal-mandat *de quo* mhijiex irritwali, ghax is-socjeta` sekwestranti ppruvat fuq bazi *prima facie* li ghandha pretensjoni legali gustifikata.

- Il-mandat *de quo* intalab u nhareg in forza ta' dritt spettanti lis-socjeta` sekwestranti li tikkawtela l-pretensjoni taghha skont l-artikolu 829 tal-Kap 12.

- B'ezempji ta' kawzi ohra citati, fejn il-Qrati Taghna kkawtelaw dritt ta' pretensjoni affermata u kkonfermata barra minn Malta, ghalhekk mhuwiex il-kaz li s-socjeta` sekwestranti naqset milli tintavola kaz fil-mertu. *In vista* tal-fatt, li gew esegwiti, *ad litteram* ir-rekwiziti tal-Kap 12 il-Mandat kawtelatorju *de quo* ghadu fis-sehh.

Illi b'dawn l-argumenti sottomessi, li gew repetuti fit-trattazzjoni tal-kaz, gie sostnut li l-artikoli tal-Kap 12 ghandhom jigu esegwiti *ad litteram*. Specifikatament, issir referenza ghall-artikolu 829 tal-Kap12, fejn inghad li l-Ligi ma tiddistingwix bejn min jitlob li jqieghed fi zgur il-jeddijiet tieghu. Ghalhekk, ladarba m'hemmx din id-distinzjoni imsemmija fil-ligi, ghandu jkun hemm id-dritt li jigi ikkawtelat id-dritt pretiz fil-kaz ta' procedimenti fil-Qorti fl-Istati Uniti.

Illi din il-Qorti tikkondividi dak sottomess ukoll fit-trattazzjoni, li meta l-kaz fil-Qorti esteru jigi deciz , dan ma jaghtix lok ghar-rikonoxximent awtomatiku f'Malta, izda sabiex tigi esegwita dik is-sentenza moghtija minn Qorti estera, iridu jigu sodisfatti l-kriterji elenkati fil-ligi diment li s-sentenza ma temanix minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet ta' Brussels I *Recast*.

Ghalhekk, din il-qorti taqbel li ghandu jigi applikat l-artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12 u tqies li l-Mandat m'ghadux fis-sehh *stante* li ma giex segwit mill-prezentata ta' kaz quddiem il-qrati f'din il-gurisdizzjoni fiz-zmien stipulat bil-Ligi.

**Illi dan premess din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fir-ragunijiet l-ohra migjuba mis-socjeta' ezekutata.**

Illi saret talba wkoll sabiex is-socjeta` ezekutanti li pprezentat il-Mandat ta' sekwestru thallas penali abbazi tal-Artikolu 836(8) (a), (b) u (d) tal-Kap 12 u cioe:

(a) "*Jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mil-ligi;*

(b) "*Jekk fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi s-sigurta` bizzejjed;*

*Izda, d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

(d) *"Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

Il-Qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju, kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (Ara **Farrugia vs C&F Building Contractors Ltd** – P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, Cole **Foods Limited vs Euro Imports Limited**, P.A. (TM) – 13 ta' Marzu 2014, **Spiteri vs Darmanin**, P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tesigi. Il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku mmirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz **Paul Attard noe vs Loreto Abela**, P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

"*Illi ghar-rigward ta' l-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd (qui suo jure utitur neminem laedere videtur*) it-tieni wiehed hu dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-

awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;

*"Illi generalment l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward, inghad, li ghalkemm, ir-raguniet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni, jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, is-socjeta' rikorrenti indikat li qed tinvoka specifikatament is-subincizi (a), (b) u (d) tal-artikolu 836(8).

Referibbilment ghas-subinciz (a) tal-artikolu 836(8) jirrizulta b'mod car li ma gietx ipprezentata kawza dwar it-talba f'Qorti f'Malta fiz-zmien stipulat fil-ligi. Dan mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat. Madankollu, s-socjeta` intimata ezekutanti, sostniet li l-kaz gie pprezentat f'Qorti fl-Istati Uniti, u b'hekk in segwitu gie pprezentat il-Mandat mertu ta' dan il-kaz. Fit-trattazzjoni, gie sostnut mill-avukat difensur ta' BT Prime Limited, li ma setax jintavola l-kaz f'Malta u ladarba hu kellu l-kaz ipprezentat fil-Qorti tal-Istati Uniti, pprocedew bil-prezentata tal-mandat ghall-kawtela tal-pretensjonijiet taghhom. Illi din il-Qorti ssib li din m'hijiex raguni tajba bizzejjed sabiex ma jigix ipprezentat il-kaz u in segwitu jigi

pprezentat il-Mandat ta' sewkwestru in kwistjoni. Madankollu, ma jirrizultax frivolozita` u vessatorjeta` ghall-fatt li ma giex ipprezentat il-kaz f'Malta, ladarba s-socjeta intimata kienet qed tippretendi li tista' tikkawtela l-pretensjonijiet taghha f'Malta, in sewgitu ghall-prezentata tal-kaz fil-mertu fl-Istati Uniti.

Ghalhekk, ma ssibx li dan l-element gie ppruvat.

B'referenza ghas-subinciz (b) ma ingabux ragunijiet sufficjenti sabiex din il-Qorti tapplika dan l-artikolu.

Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 836(8)(d) ma giet ippruvata lanqas minimament xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta` fil-hrug tal-mandat in ezami. Ma jistax jinghad li l-Mandat inhareg b'hazen, jew ghal raguni fiergha jew bil-hsieb li jdejjaq lis-socjeta` rikorrenti ezekutata. Illi evidentement dan ma jfissirx li l-Qorti waslet ghall-fehma li l-pretensjoni tas-socjeta` intimata hija ppruvata, ifisser biss li ma ntweriex li l-pretensjoni taghha hija wahda fiergha u li ma saritx b'malizzja.

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespsot, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux cirkostanzi hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 836(8)(a)  (b) u (d) li jiggustifikaw imposizzjoni ta' penali.

**Artikolu 836(9) – Danni**

Illi l-artikolu **836(9) tal-Kap 12 jiddisponi hekk:**

*"836 (9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun*

*inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f 'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."*

Ikkonsidrat li bl-emendi ghall-**artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** li dahlu fis-sehh in forza ta' l**-Att XXIV tal-1995,** il-legislatur irrikonoxxa r-responsabbilita' ghad-danni tal-parti li titlob u tottjeni l-hrug ta' mandat kawtelatorju kemm-il darba jirrikorru c-cirkostanzi imsemmija fl-istess artikolu.

Madanakollu kif gie insenjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **CASINO-FOR-ME LIMITED vs CHARTWELL GAMES (MALTA) LIMITED (PAJRM - 27 ta' Awwissu 2008)** *"talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata f'dan il-każ. "*

Illi ghalhekk dan is-subartikolu mhuwiex applikabbli f'dawn il-proceduri u kwindi t-talba abbazi tal-**artikolu 836 (9)** tal-Kap 12 qed tigi michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Numru 566/2019 kif spjegat abbazi tal-Artikolu **836(1) (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** filwaqt li ssib li l-artikoli l-ohra invokati mir-rikorrenti ezekutata mhumiex gustifikabbli. Tichad ir-rimanenti talbiet tas-socjeta' ezekutata.

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta` intimata BT Prime Limited.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**19 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**19 ta' Lulju 2019**